MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 353/2004

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Anonyme Chappel & Busuttil Limited u b'digriet tat-Tribunal tal-5 ta' Mejju 2004, il-kelma "Anonyme" qabel l-isem tas-socjeta konvenuta giet imhassra, u b'digriet tat-Tribunal tas-16 ta' April 2004, gie revokat contrario imperio d-digriet moghti fil-5 ta' Marzu 2004 u ghalhekk il-kelma "Anonyme" giet mizjuda qabel l-isem tas-socjeta konvenuta kif indikat originarjament fl-avviz.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Frar, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u tlieta u

tletin lira Maltin u sebgha centezmi (Lm333.07), in kwantu ghal Lm279.07 rappresentanti prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u ikkonsenjata u in kwantu ghal Lm54, imghaxijiet legali dovuti mis-socjeta konvenuta fuq l-istess sad-data tal-prezentata ta'l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Ra n-nota tas-socjeta attrici ipprezentata fis-16 ta' April 2004, li permezz taghha hija cediet is-sorte tal-kawza izda zammet ferm l-imghaxijiet u l-ispejjez.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li jastjeni milli ikompli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kawza u dana fid-dawl tan-nota ta' cessjoni ipprezentata mis-socjeta attrici fis-16 ta' April 2004, jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-imghaxijiet mit-12 ta' Frar 2004 u l-ispejjez kollha ta' dina l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------